MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 82/2020 LM

**Neville Bonnici (K.I. nru 385374M)** *('l-appellat')*

***vs*.**

**Satabank p.l.c. (C 66993)**
**u Ernst & Young Limited (C 30241)** ('*l-appellanta'*)

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Ernst & Young Limited (C 30241)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni preliminari [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni preliminari appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-10 ta' Novembru, 2020, fil-

Kwistjoni tax-Xogħol nru 3841/DP, fejn filwaqt li laqa' t-talba għall-ħruġ ta' kontromandat, ċaħad f'dak l-istadju fejn ma kienx sema' l-mertu kollu l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata l-oħra **Satabank p.l.c. (C 66993)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata Satabank'] fil-konfront tar-rikorrent **Neville Bonnici (K.I. nru 385374M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], li t-Tribunal m'għandux kompetenza li jisma' l-każ odjern, u li l-imsemmija soċjetà appellata m'għandhiex titqies leġittimu kontradittur, u b'hekk ordna l-prosegwiment tal-każ.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw it-tmiem tal-impjieg tal-appellat minn mas-soċjetà intimata Satabank. L-appellat kien iffirma kuntratt ta' xogħol[1] għal żmien indefinit ma' din tal-aħħar fl-4 ta' Settembru, 2014 fil-kariga ta' *Chief Operating Officer* skont dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm miftiehma. Iżda fit-18 ta' Ottubru, 2019 is-soċjetà intimata Satabank itterminat il-kuntratt ta' xogħol tiegħu permezz ta' ittra bl-istess data[2] fejn infurmatu li l-pożizzjoni tiegħu magħha kienet saret *"redundant",* u dan qalet li kien qiegħed isir bħala riżultat taċ-ċirkostanzi li hija kienet sabet ruħha fihom u li l-imsemmi appellat kien jaf bihom ukoll.

[1] Ara kopja Dok. A *a fol.* 4 tal-atti tat-Tribunal.
[2] Ara Dok. B *a fol.* 14.

**Mertu**

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-13 ta' Mejju, 2020, permezz ta' rikors fejn talab sabiex fid-dawl tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà intimata Satabank huwa għandu:

*"1. Jingħata kumpens tat-23 ġurnata tal-leave tas-sena 2018 li baqgħu pendenti u ma ingħata ebda kumpens tagħhom għalkemm kien ġie awtorizzat li jeħodhom fis-sena 2019,*

*2. Jingħata ż-żieda fil-paga li kienet ġiet awtorizata minn Jannar 2018 fl-ammont ta' 25% tal-paga tiegħu li baqgħet ma tħallsitx sakemm l-impjieg tal-esponenti ġie itterminat;*

*3. Jingħata l-ammont ta'* annual performance bonus *għas-sena bażi 2018 ossia* retention bonus *li sallum tħallas biss parti minnu;*

*4. Jingħata* lump sum *ta' sena talli l-impjieg tiegħu ġie tterminat skont klawsola 10 tal-kuntratt tal-impjieg;*

*5. Jiddikjara illi t-terminazzjoni kienet waħda inġusta u jogħġbu jagħti l-provvedimenti kollha opportun f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż li r-rikorrenti jitħallas l-ammont pendenti kif ukoll kumpens ġust."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-22 ta' Ġunju, 2020 fejn eċċepiet: (1) hija ma kinitx leġittimu kontradittur; (2) it-talbiet tal-appellat kienu jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tat-Tribunal; (3) ir-raba' u l-ħames talbiet kienu kontradittorji; (4) l-allegazzjonijiet tal-appellat kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; (5) it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet waħda ġusta u doveruża fiċ-ċirkostanzi u msejsa fuq *'redundancy';* (6) skont il-klawsola 10 tal-kuntratt tal-impjieg tal-appellat, huwa ma kienx intitolat għal *termination benefit;* (7) il-*leave* tas-sena 2018 kien inqata' skont il-liġi min-*notice period* u f'kwalunkwe każ l-appellat kien irrinunzja għall-ħlas; (8) l-appellat ma kienx intitolat għal

żieda fil-paga jew *performance bonus;* (9) l-appellat tħallas iktar minn dak dovut lilu skont il-liġi; u (10) hija dejjem aġixxiet skont il-liġi.

5. Is-soċjetà intimata Satabank wieġbet fit-30 ta' Ġunju, 2020 fejn eċċepiet: (1) in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal *ai termini* tal-artikolu 75 tal-Kap. 452 fir-rigward tat-talbiet tal-appellat għal ħlas ta' *leave,* żieda fis-salarju, ħlas ta' *performance bonus* u kumpens allegatament dovut skont l-Artikolu 10 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu; (2) it-talba għal żieda fis-salarju u għall-ħlas ta' *performance bonus* ma saritx fit-terminu preskritt mil-liġi; (3) id-dikjarazzjoni ta' terminazzjoni inġusta u l-kumpens mitlub mill-appellat kienet tmur kontra t-talba tiegħu għal ħlas ta' kumpens *ai termini* tal-Artikolu 10 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu; (4) it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat saret kawża ta' *redundancy;* (5) l-ammont mitlub mill-appellat mhux dovut u huwa saħansitra tħallas aktar minn dak dovut skont il-liġi; (6) dan kollu ġie sottomess b'riżerva tad-dritt tas-soċjetà appellanta sabiex tippreżenta risposta aktar tard waqt is-smigħ tal-kawża.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

6. It-Tribunal ta s-segwenti deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari:

> *"KONSIDERAZZJONIJIET*
>
> *It-Tribunal ried jistabbilixxi preliminarjament jekk dan hux każ ta' tkeċċija jew jekk hux każ ta' ilment dwar allegat nuqqas ta' għoti ta'* termination benefits*, żidiet fil-paga u bilanċ fil-ħlas ta'* leave *li ma tteħidx. Ġie mitlub ukoll preliminarjament jiddikjara jekk wieħed mill-partijiet li qed jiffurma s-soċjetà ntimata hux fil-fatt leġittimu*

*kuntradittur; liema parti qed titlob ukoll lil dan it-Tribunal jilqa' l-kontro-mandat imressaq minnha stess.*

*Tenut kont ta' ħdax-il fatturi miġjuba bi provi waqt is-smigħ tal-każ ċioe:-*

*Li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà sa mis-6 ta' Ottubru 2014 bħala Chief Operating Officer u ġie tterminat fil-21 ta' Jannar 2020.*

*Li r-rikorrent kien impjegat mas-Satabank liema bank bħalissa b'ordni tal-MFSA mhux qed jopera u ġie maħtur Ernst & Young bħala l-Persuna Kompetenti biex taġixxi f'ismu.*

*Li inħareg mandat ta' sekwestru kontra s-Satabank u Ernst & Young ta' mija u tmenin elf ewro (€180,000) li qed jintalbu biex jagħmlu tajjeb għal ħlas ta' sena paga, bilanċ ta' leave mhux meħud u żidiet oħra marbuta ma'* performance bonuses*;*

*Li r-rikorrent qed jallega nġustizzja fit-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu tal-mod kif ġie mdawwar il-fatt li l-kumpannija għamlet* winding down *u mhux itterminat lir-rikorrent għax ġie* redundant *u sussegwentement ġie mċaħħad minn benefiċċji li hu jgħid li hu ntitolat għalihom skont skont klawsola 10 tal-Kuntratt tax-xogħol;*

*Li dawn il-benefiċċji jingħataw lilu kemm -il darba jiġi tterminat mix-xogħol f'każ li l-kumpannija tagħmel* winding down *jew tittrasferixxi l-ishma;*

*Li dawn il-benefiċċji ma hux intitolat għalihom jekk jiġi tterminat fuq bażi ta'* redundancy*;*

*Li waħda mill-partijiet li jiffurmaw is-soċjetà ntimata tesiġi li mhix leġittima kontradittur u dan għax huma ġew imqabbda mill-MFSA skont artiklu 29(1)(b) tal-Kap 371 tal-liġijiet ta' Malta, biex jaġixxu f'isem il-parti l-oħra, jiġifieri f'isem Satabank;*

*Li f'dan l-istadju għadu mhux ċar jekk Ernst & Young aġixxietx f'isem il-kumpannija jew jekk daħlitx fiż-żarbun tagħha jew le;*

*Li f'dan l-istadju għadu mhux ċar jekk il-kumpannija għamiltx* winding down *jew jekk il-ħaddiema tagħha gewx* redundant*;*

*Li dan it-Tribunal ġie mitlub jilqa' l-kontro-mandat intavolat minn Ernst & Young biex jirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 513/20 li nħareġ minn dan it-Tribunal fid-29 ta' Mejju 2020, ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;*

*Li r-rikorrent mhux qed joġġezzjoni għal din ir-revoka ġaladarba l-istess ammont ta' flus huma kkonfermati b'ċedola mill-Bank Ċentrali mill-assi ta' Satabank.*

*DEĊIŻJONI PRELIMINARI*

*Dan it-Tribunal ġie mitlub biex preliminarjament jiċħad li jisma' l-każ minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni ai termini artiklu 75 tal-Att 452 tal-liġijiet ta' Malta; ġie mitlub*

*ukoll li mingħajr preġudizzju għas-suespost jiddikjara lil Ernst & Young li mhux leġittimu kuntradittur u jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju. Ġie mitlub ukoll jilqa' l-kontro-mandat mitlub minn Ernst & Young.*

*Dan it-Tribunal wara li ra l-provi miġjuba s'issa jiddikjara li ma daħalx fil-mertu tal-każ imma ssindika f'ċerti fatti sabiex ikun jista' jasal għal deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari. Ir-rikorrent qed jagħmel talbiet ta' ħlasijiet li fid-deher mhumiex fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan it-Tribunal qed jiġi mitlub ukoll jinvestiga allegat tkeċċija inġusta. Dan ifisser li fin-nuqqas ta' ġustizzja fi tkeċċija li tiġi ppreżentata quddiemu jrid jara jekk fil-fatt kienx il-każ li kellu jitkeċċa jew jinżamm fl-impjieg. Il-liġi tax-xogħol innifisha tagħti lok għal talbiet ta' ri-ingaġġ u fejn dan ma jkunx possibbli, f'każ li jirriżultalha li kien hemm inġustizzja fil-fatt li ma ġiex miżmum fl-impjieg, it-Tribunal għandu s-setgħa jillikwida d-danni sofferti.*

*Mill-banda l-oħra dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni li jiddetermina u jidħol f'kumpens ta' leave mhux meħud u ħlasijiet anċillari u ħlas ieħor marbut ma'* performances bonuses.

*Il-fatt innifsu li r-rikorrent ħass li għandu jieħu dawn il-ħlasijiet li madwarhom huwa wkoll mfassal il-mandat ta' sekwestru, jista' jiġi nterpretat li qed jaċċetta t-terminazzjoni u mhux jikkontesta li kellu jiġi tterminat mill-impjieg. Jista' għalhekk wieħed fid-deher, prima facie, jintepreta t-talbiet għall-ħlasijiet bħala aċċettazzjoni tat-terminazzjoni minnhom infushom. L-allegat tkeċċija nġusta timplika li mhux suppost kien hemm terminazzjoni fl-ewwel lok.*

*It-Tribunal iħoss li ma ħargux provi biżżejjed fil-fażi preliminari biex wieħed jiddetermina dan u wieħed għad irid jara wara li jiġi trattat il-mertu kollu.*

*Dan it-Tribunal jemmen li l-liġijiet huma ċari u l-funzjoni ta' dan it-Tribunal huma wkoll ċari kif elenkati fil-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u t-talbiet li għandhom jersqu quddiemu huma wkoll spjegati ċar. Dan ifisser ukoll li t-Tribunal għandu l-obbligu li jissindika u janalizza l-possibiltajiet kollha mibnija fuq il-provi mressqa quddiemu biex ikun jista' fil-fatt jiddetermina jekk tkunx saret tkeċċija l-ewwel u qabel kollox, u jekk din it-tkeċċija hix ġusta jew le. Biex jasal għal dan it-Tribunal jiddikjara li fil-każ odjern u t-talba li saret lilu permezz ta' eċċezzjoni preliminari ma tistax tiġi determinata qabel ma jiġi trattat u jidħol fil-mertu tal-każ.*

*Dan it-Tribunal ġie mitlub jilqa' l-kontro-mandat kif mitlub b'rikors datat 22 ta' Ġunju 2020. Il-mandat innifsu ma ntalabx b'malafede kontra Ernst & Young u dan għax ir-rikorrent ma kienx jaf jekk id-drittijiet tiegħu humiex kawtelati la b'Satabank u lanqas b'Ernst & Young, u dan għax sar jaf bid-depożitu minn Satabank ħafna aktar tard,*

*pjuttost waqt is-smigħ tas-seduti. It-Tribunal jinnota wkoll li l-partijiet kollha qablu li għandu jintlaqa' l-kontro-mandat.*

*Hawn it-Tribunal ried jirrifletti fuq x'titlob il-liġi ai termini ta' artiklu 836 (8)(b), (ċ) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi rilevanti fl-istess artiklu. Dan it-Tribunal ma jirriżultalux li t-talba għall-mandat ta' sekwestru għandha ġġorr penali għax ma jidhirlux li l-aġir innifsu jaqa' fis-sub-artikli (b), (ċ) u (d). It-Tribunal huwa tal-fehma li malafede fit-talba tal-mandat ta' sekwestru ma jidhirx li kien hemm.*

*It-Tribunal ġie mitlub biex jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil waħda mill-partijiet li qed jiffurmaw s-soċjetà ntimata, ċioe, lil Ernst & Young. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li biex jasal għal deċiżjoni jekk fil-fatt aġixxiex fiż-żarbun tal-parti l-oħra, ċioe, Satabank, jekk kienx sempliċiment qed jattwa d-deċiżjonijiet li kien messa ħa u ried jieħu Satabank jew jekk hux il-każ li aġixxa tali li ħa deċiżjoni oltre mid-direzzjoni mogħtija lilu f'isem min qed jaġixxi, wieħed għad irid jara. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li biex ikun jista' jasal għal konklużjoni fuq dan il-fatt jeħtieġlu jisma' l-mertu tal-każ fl-intier."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-20 ta' Novembru, 2020, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tbiddel id-deċiżjoni preliminari appellata tat-Tribunal billi:

*"(a) Tiddikjara illi l-esponenti mhijiex il-leġittimu kuntraditriċi u b'hekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*(b) Tiddikjara li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent appellat jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali;*

*(ċ) Tiddikjara li jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 836(8)(b), (ċ) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tillikwida il-penali kontemplata fl-istess artikolu ta' mhix anqas minn €1,164.69 u mhix aktar minn €6,988.12 u tordna lill-Bonnici jħallas tali penali fiż-żmien lilu prefiss.*

*(d) Tordna illi l-ispejjeż kollha illi jinsorġu mill-mandat maħruġ mir-rikorrent appellat Bonnici kontra l-esponenti fosthom dawk tal-kontro-mandati, ċedoli ta' depożitu u spejjeż oħra għandhom jiġu sopportati interament minn Bonnici.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

8. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) it-Tribunal injora għalkollox il-liġi kif interpretata mill-każistika, li l-konvenut f'din ix-xorta ta' proċeduri jista' jkun biss l-prinċipal jew l-*ex* prinċipal; (b) it-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina ta' x'inhu *'competent person';* (ċ) kuntrarjament għal dak li qal it-Tribunal, il-penali f'kwistjonijiet dwar mandati ma tiġix imposta biss f'każijiet estremi ta' *mala fede*; (d) l-ispejjeż tal-mandat għandhom jitħallsu mill-appellat; u (e) it-talba tal-appellat teżorbita l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal stante li din tirrigwarda arretrati ta' paga u ħlasijiet oħra mhux fil-kompetenza tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat wieġeb fl-4 ta' Jannar, 2021 fejn issottometta li d-deċiżjoni preliminari appellata għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, filwaqt li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Fid-dawl ta' dak li ġie deċiż illum mill-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-istess ismijiet Rikors Nru 81/20, hija ser tibda billi tikkonsidra l-ħames aggravju tas-soċjetà appellanta li jtenni bl-istess mod dak li kkontendiet is-soċjetà intimata Satabank f'dawk il-proċeduri.

11. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li t-talba tal-appellat teżorbita l-kompetenza tat-Tribunal, u dan stante li l-kawżali tiegħu jirrigwardaw arretrati ta' paga. Dan filwaqt li tagħmel riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Stephen Muscat *vs.* Amstrong Co. Ltd**, li ngħatat fis-7 ta' Frar, 2012 in sostenn tal-argument tagħha. Tkompli tgħid li t-Tribunal saħansitra għaraf li huwa ma għandux kompetenza dwar it-talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' kumpens għal *leave* u ħlasijiet oħra relatati u dawk marbuta ma' *performance bonuses*, u għalhekk huwa kien tenuut jiddikjara li l-istess talbiet kienu jeżoribitaw il-kompetenza tiegħu u b'hekk jiċħadhom.

12. Fit-tweġiba tiegħu l-appellat jissottometti li s-soċjetà appellanta tonqos li semmi l-ħames talba tiegħu fir-rikors tal-appell tagħha, u b'hekk donnha qiegħda taċċetta li t-Tribunal għandu kompeteza sabiex jisma' u jiddeċiedi din il-ħames talba tiegħu. B'hekk jikkontendi li jsegwi li t-Tribunal għandu kompetenza sabiex jisma' u jiddeċiedi t-talbiet l-oħra tiegħu għall-ħlas li huma relatati, u in sostenn tal-argument tiegħu huwa jiċċita sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Karmenu Vella *vs.* General Workers Union**, mogħtija fil-11 ta' Novembru, 2011.

13. Sabiex tevita li ttenni l-istess ħsibijiet u konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tal-lum stess fil-proċeduri tar-rikors appena msemmi, u tgħid li dawk il-ħsibijiet u konsiderazzjonijiet għandhom jagħmlu parti minn din is-sentenza wkoll.

14. Għaldaqstant il-Qorti tgħid li l-ħames aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u tilqgħu.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal ma tax każ il-liġi kif interpretata mill-każistika li l-konvenut jista' jkun biss* 'employer/ex-employer'*]*

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina tal-kunċett ta'* 'competent person'*]*

15. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-ewwel aggravju tagħha huwa li t-Tribunal fid-deċiżjoni preliminari appellata, jiddipartixxi mill-ġurisprudenza kostanti tiegħu stess. Is-soċjetà appellanta tissottometti li kien paċifiku li l-appellat qatt ma ħadem magħha, filwaqt li kien paċifiku wkoll u kien prinċipju kardinali tal-ġurisprudenza li t-Tribunal jisma' każijiet biss bejn impjegati u l-prinċipali tagħhom. Is-soċjetà appellanta tgħid li għalhekk il-proċeduri fil-konfront tagħha, kienu għalkollox bla bażi u tiċċita silta minn żewġ sentenzi tal-qrati tagħna in sostenn tal-argument tagħha. Dwar it-tieni aggravju li huwa marbut ma' dak tal-ewwel, is-soċjetà appellanta tispjega li t-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina tal-kunċett ta' *'competent person'*, anki tal-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tiegħu. Tispjega li sabiex iwettaq l-inkarigu tiegħu, il-persuna kompetenti taġixxi għan-nom u in rappreżentanza tal-bank inkwistjoni, u d-dokumenti esebiti mill-appellat saħansitra kienu jitkellmu għalihom. Is-soċjetà appellanta tagħlaq billi tissottometti li bla dubju t-Tribunal m'għandu l-ebda kompetenza u/jew ġurisdizzjoni sabiex jissindika d-deċiżjoni li hija tkun ħadet fil-kapaċità tal-persuna kompetenti.

16. Bħalma kkostata fir-rigward tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetena tiegħu, it-Tribunal hawn ukoll iddikjara li kien jeħtieġlu li jisma' l-mertu kollu tal-każ qabel ma jiddeċiedi jekk tassew is-soċjetà appellanta ma kinitx leġittimu

kontradittur u b'hekk kellha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Filwaqt li l-Qorti tagħmel riferiment għad-diskrezzjoni mogħtija lit-Tribunal permezz tal-artikolu 730 tal-Kap. 12, fejn jista' jagħżel li jiddeċiedi eċċezzjoni dwar l-illeġittimità ta' persuna qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu, tgħid li r-raġuni li ta t-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu hija ġusta. Huwa jispjega li sabiex jasal sabiex jiddeċiedi din l-eċċezzjoni, huwa kien tenut jistabbilixxi jekk is-soċjetà appellanta *"fil-fatt agixxietx fiż-żarbun tal-parti l-oħra, ċioe, Satabank, jekk kienx sempliċiment qed jattwa d-deċiżjonijiet li kien messu ħa u ried jieħu Satabank jew jekk hux il-każ li aġixxa tali li ħa deċiżjoni oltre mid-direzzjoni mogħtija lilu f'isem min qed jaġixxi, wieħed għad irid jara".* Il-Qorti tgħid li dan kollu bl-ebda mod ma jista' jingħad li joħroġ ċar mill-atti proċesswali f'dan l-istadju tas-smigħ tal-każ odjern, kif tittenta tpinġih is-soċjetà appellanta. L-appellat fir-rikors promotur tiegħu saħansitra jirrileva li madwar sena u tliet xhur qabel ma rċieva l-ittra fejn intemm l-impjieg tiegħu, *"...f'Ottubru 2018 it-tmexxija tal-bank waqa' taħt il-kontroll ta' Ernst and Young Ltd li ġiet appuntata mill-MFSA sabiex tieħu l-kontroll tal-bank".* Għalhekk sewwa jgħid it-Tribunal li għandu jiġi stabbilit min kien responsabbli għad-deċiżjoni fil-konfront tal-appellat. Dan kollu l-Qorti tgħidu kemm fir-rigward tal-ewwel aggravju, u anki fir-rigward tat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta.

17. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-ewwel u t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta mhux ġustifikati u tiċħadhom.

*It-tielet aggravju:* *[fir-rigward tal-mandati, kuntrarjament għal dak li sostna t-Tribunal, il-penali tiġi imposta wkoll fejn m'hemmx* mala fede*]*

*Ir-raba' aggravju:* *[l-ispejjeż kollha relatati mal-mandat inġustifikat għandhom jitħallsu mill-appellat]*

18. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li penali tista' tiġi imposta f'każ ta' mandat vessattorju u frivolu, fejn iċ-ċirkostanzi tal-allegat debitur ma joħolqux dubju dwar solvenza u f'każijiet fejn huwa pależi illi mandat ma kellux jinħareġ kif previst fil-para. (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu 836(8) tal-Kap. 12. Tgħid li ġaladarba kien ovvju li persuna fil-kariga tal-appellat ma kellha qatt tkun leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, kien isegwi wkoll li hija ma kellhiex tintlaqat minn mandat vessattorju tiegħu. Tinsisti li kien tassew evidenti li l-mandati tal-appellat kienu frivoli u vessatorji. Imbagħad jekk *dato ma non concesso* kien hemm xi biża' illi ma kienx hemm flus f'idejn il-prinċipal, kien mistenni li l-appellat jara x'inhu l-eżitu tar-rikors tiegħu fil-konfront tal-istess prinċipal qabel ma jmexxi kontra s-soċjetà appellanta. Dwar ir-raba' aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tikkontendi li huwa paċifiku li ġaladarba l-mandati nħarġu inutilment, l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-appellat li fuq talba tiegħu nħarġu.

19. L-appellat isostni li s-soċjetà appellanta hawn qiegħda taċċetta li f'każ li ma kien hemm l-ebda flus f'idejn is-soċjetà intimata Satabank, huwa kien ikun ġustifikat li jipproċedi kontra s-soċjetà appellanta. Jirrileva li hekk kien il-każ għaliex din tal-aħħar kienet għal tul ta' żmien tinsisti mal-impjegati li s-Satabank p.l.c. ma kellhiex flus u din fil-fatt kienet ir-raġuni għaliex l-impjieg tiegħu u ta'

oħrajn ġie tterminat. Jirrileva li għal erba' xhur sħaħ ma kien sar l-ebda depożitu fir-Reġistru tal-Qorti, u dan kompla jsaħħaħ l-argument li ma kienx hemm fondi. Għal dak li jirrigwarda r-raba' aggravju, l-appellat jissottometti li t-Tribunal qatt ma qal li l-mandat ma kienx ġustifikat, anzi kkostata li l-aġir kien jaqa' fil-parametri tal-para. (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu 836(8) tal-Kap. 12. Jirrileva li min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta naqset milli tgħidlu li s-soċjetà intimata Satabank kellha fondi biżżejjed sabiex tikkawtela l-pretensjoni tiegħu, u huwa kien għamel erba' xhur sħaħ mingħalih li din ma kellha l-ebda fondi. L-appellat jikkontendi li s-soċjetà appellanta qiegħda tittenta tieħu l-opportunità li tappella wkoll dwar id-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-kontromandat meta din kienet inappellabbli u kienet proċedura separata. Jagħlaq billi jirrileva li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet issegwi qbil bejn il-partijiet waqt udjenza li saret f'Ottubru 2020 wara li huwa kien ġie infurmat li kienu ġew ippreżentati ċ-ċedoli relattivi u b'hekk huwa kien ikkonfortat li l-pretensjonijiet tiegħu kienu ġew ikkawtelati.

20. Il-Qorti tikkonsidra li d-difiża tal-appellat li d-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward tar-rikors tas-soċjetà appellanta għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru *ai termini* tas-subartikolu 836(1) tal-Kap. 12, u t-talba sabiex it-Tribunal jillikwida penali kif kontemplata fis-subartikolu (8) tal-istess artikolu, mhijiex appellabbli. Kif sewwa jagħraf l-appellat, din il-proċedura proposta mis-soċjetà appellanta hija separata u indipendenti mill-proċeduri odjerni u saħansitra r-rikors tagħha sar fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 513/2020 maħruġ fuq ordni tat-Tribunal. Filwaqt li l-Qorti tagħraf li dan kien proprju l-għan tal-leġislatur, kif rifless fis-subartikolu 836(5) tal-Kap. 12, li ma jippermetti l-ebda appell jew kontestazzjoni

minn digriet jew fejn jintlaqa' rikors bħal dak li ġie ppreżentat mis-soċjetà appellanta, li m'għandhiex tieħu l-opportunità li tappella stante li t-Tribunal għażel li jilqa' r-rikors tagħha permezz tad-deċiżjoni preliminari appellata u mhux b'digriet mogħti separatament. Jekk ikun mod ieħor, jitħassar dak li ħaseb għalih il-leġislatur, jiġifieri li d-deċiżjoni meħuda minn qorti jew tribunal, kif inhuwa fil-każ odjern, a tenur tas-subartikolu 836(4) tal-Kap. 12 għandha tkun insindikabbli.

21. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx it-tielet u r-raba' aggravji tas-soċjetà appellanta ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' b'mod limitat kif fuq imfisser l-appell tas-soċjetà appellanta, u filwaqt li tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni preliminari appellata fejn it-Tribunal ma laqax l-eċċezzjoni li huwa m'għandux kompetenza, iżda dan il-Qorti tgħidu limitatament għall-ewwel erba' talbiet li ressaq l-appellat, tiddikjara li t-Tribunal m'għandu l-ebda kompetenza fir-rigward tal-imsemmija l-ewwel erba' talbiet tal-appellat, u għalhekk għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni tagħhom, u tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta.**

**L-ispejjeż marbutin mad-deċiżjoni preliminari appellata għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-appellat u s-soċjetà appellanta, u dawk tal-appell odjern**

**għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta inkwantu għas-sehem ta' tliet kwarti (3/4), u mill-appellat inkwantu għar-rimanenti sehem ta' kwart (1/4).**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**